MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru. 1118/2004

**Il-Pulizija**

**(Spt Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Ismael Habesh**

**(ID nru.: 15771A)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ismael Habesh**, detentur tal-karta tal-identita' nru. 15771A;

Talli fit-22 ta' Dicembru 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' uniformi tal-Airmalta Co. Ltd., cheque book tal-HSBC Bank Malta Ltd., flus, dokumenti u diversi oggetto ohra li jappartjenu lil Paul Magro, liema serq sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Paul Micallef u persuni u kumpaniji ohra, liema serq jaqbez il-mitt lira Matlin, u hu kkwalifikat bill-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex hames mitt lira, imma hija izjed minn hamsin lira;

U b'hekk Ismael Habesh sar recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jitghux jigu mibdula;

Kif ukoll b'hekk Ismael Habesh kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 meta kkommetta reat iehor wara li nghata diversi sentenzi fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor f'diversi perjodi ta' snin, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti skond il-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2005 kien registrat illi l-imputat ma oggezzjonax ghall-tmexxija tal-kaz bl-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara li l-pulizija waslu biex skoprew min, skond huma, kien responsabbli ghal-

serq ta' *cheque book* u oggetti ohra minn gewwa vettura proprjeta' tad-derubat u tal-kumpanija li jahdem maghha. L-ispettur Ian J. Abdilla spjega kif, wara rapporti ta' uzu ta' *cheques* misruqa, l-pulizija kienu kellmu lid-derubat li kien spjega kif *cheque book* flimkien ma' uniformi tal-kumpanija Air Malta u basket kontenenti effetti personali tiehgu kienu insterqulu mill-vettura tieghu billi xi hadd mhux maghruf kien kisser il-hgiega ta' wara tal-istess vettura;

Id-derubat kien irrapporta dan il-fatt fl-ghassa tal-Pulizija tal-Msida wara li kien halla l-vettura tieghu pparkjata fl-Universita' ta' Malta. Il-Pulizija kienet traccat il-persuna li kienet qed taghmel uzu minn dawn ic-*cheques*, certu Elaine Rapinett, li min-naha taghha stqarret illi kienet ottjeniet ic-*cheques* minghand l-imputat u raddet lura l-karta tal-identita' tad-derubat u l-kumplament tac-*chequebook*. Il-Pulizija stabiliet ukoll illi ma kien hemm l-ebda konnoxxenza bejn l-imputat u d-derubat u li dan qatt ma kien rikeb fil-vettura tal-istess derubat. Fattur dan li l-prosekuzzjoni deherilha ta' massima importanza ghaliex wara li l-vettura tad-derubat kienet ezaminata mit-taqsima forensika tal-Pulizija irrizultaw xi impronti digitali f'parti interna taghha liema impronti kienu jappartjenu lill-imputat. Kien ghalhekk li l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti;

Id-derubat kkonferma dan kollu bil-gurament quddiem din il-Qorti u zied jghid illi oltre l-uniformi tieghu, kien insteraqlu basket kontenenti *wallet* li fih kellu mija u hames liri Maltin, l-karta tal-identita' tieghu, *Visa card*, *airport security pass* u *airfield driving license*. Gara izda illi wara l-akkadut kienet instabet *ID card* u l-pass tax-xoghol vicin ir-residenza tieghu. Kawza ta' dan huwa sofra ukoll hsarat fil-vettura tieghu konsistenti fi ksur tal-*quarter window* li tiswa Lm10 u Lm45 biex tissewwa. Id-derubat kien mistoqsi diversi drabi jekk jafx lil min rikkeb fil-vettura tieghu u accerta lil din il-Qorti illi qatt ma kien iltaqgha mal-imputat u jaf bic-cert lil min kien rikkeb fil-

vettura tieghu. Rapprezentant tal-kumpanija Air Malta xehed illi l-uniformi tad-derubat kienet tiswa Lm88.35.

PC 186 mit-taqsima tal-Laboratorju Forensiku xehed illi wara li ezamina il-vettura tal-imputat ghal xi evidenza forensika kien sab xi impronti digitali fuq il-hgiega tal-bieba ta' wara tal-vettura u eleva dawn l-impronti permezz ta' *lifters* u taghhom ha ritratti li huma esebiti bhala Dok CM1. Dwar dawn l-impronti kien nominati minn din il-Qorti l-espert Joseph Mallia li eleva l-impront digitali u palmeari tal-imputat sabiex jikkomparahom mal-*lifters* esebiti. Mill-perizja tal-istess espert irrizulta illi tnejn mil-*lifters* ma kienux tajbin ghal-komparrazzjoni izda wiehed minnhom kien jaqbel mas-subgha tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-imputat;

Jizdied biex jinghad illi quddiem din il-Qorti xehdet Elaine Rapinett li, wara li ddikjarat illi kienet tressqet separatament quddiem il-Qorti dwar dan il-kaz u li l-kawza taghhom kien konkluza, ddikjarat illi kienet ilha taf lill-imputat u li kien hu li ghaddielha l-*chequebook* meta kienu ltaqghu quddiem id-*Detox Centre* pero' ma tiftakarx kemm kienet hallset taghhom. In kontro-ezami, zmien wara ix-xhieda taghha, Rapinett tiftakar biss li kellha kawza kontra taghha dwar ic-*cheques* misruqa;

L-imputat ghazel illi jixhed u spjega kif waqt illi kien gewwa kazin l-Msida spettur tal-Pulizija dahal u arresta lil Elaine Rapinett li kienet konoxxenza tieghu. Huwa kien gibed l-attenzjoni tal-ispettur illi hi u tinhareg mill-kazin kienet remiet xi haga. Huwa jinnega li qatt ta xi *chequebook* lil Rapinett u li jghid din ippuntat subajghha lejh ghaliex kienu miggieldin tant li wara sar jaf min verament kien ghadda dawn l-affarijiet lil Rapinett u li kien lest iressaq xhieda in sostenn tal-allegazzjoni tieghu. L-imputat jallega illi Rapinett kienet akkwistat ic-*chequebook* minnghand persuna ohra Gharbja u li ta' dan hallset permezz ta' *mobile phone camera*. Huwa ddikjara li ma

jafx lid-derubat u ma jistghax jifhem kif l-impronti digitali tieghu kienu spiccaw fuq ‘l gewwa tal-vettura tieghu;

Il-kaz odjern jista’ jinghad li huwa *a text book case* fejn il-prosekuzzjoni traccat min kien qed jaghmel uzu mic-*cheque book* misruq u li din il-persuna stqarret li kien l-imputat li ghaddiehomlha u li wara li instabu impronti digitali gewwa l-vettura tad-derubat, minnu kompletament injot, dawn qablu mal-impronti digitali tieghu. Issa ghad illi l-imputat mhux dovut jipprova l-innocenza tieghu *qua imputat*, x-xhieda tieghu volontarja quddiem din il-Qorti certament ma kellhiex l-effett li tqieghed f’dubju l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. L-imputat irid lil din l-Qorti temmen illi Rapinett zvelat mal-pulizija illi kien hu li taha c-*cheque book* biex tivvendika ruhha minnu ghaliex kienu miksurin. Hija pjuttost inkreduli kif l-imputat gibed l-attenzjoni tal-pulizija li waqt li Rapinett kient qed tkun eskortata barra l-kazin kienet remiet xi haga, meta din il-haga suppost li kienet ic-*cheque book* in kwistjoni. Huwa ddikjara li jaf diversi nies li kienu jafu min ghadda c-*chequebook* lil Rapinett izda baqa’ ma ressaq lil hadd in sostenn ta’ l-allegazzjoni tieghu. Kif gia inghad, l-imputat ma kellu l-ebda oneru biex jipprova hu li hu innocenti, izda l-provi tal-prosekuzzjoni huma inkonfutabbli u ma gew bl-ebda mod mqieghda f’dubju mid-difiza;

Ghal dawn il-motivi, wara li l-prosekuzzjoni pruvat ukoll fil-grad rikjest mil-ligi, r-recedivita’ tal-imputat, il-Qorti qed isibu hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278 (1) u (3), 325 (b), 49 u 50 tal-Kap 9 u l-provvediment tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat;

Titratta mal-imputat billi tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------